MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 111/2010

**A B C D**

**-vs-**

**Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati ghall-assenti E F H G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B C D fejn dan, wara li jippremetta:

Illi f'Mejju tas-sena 2008, l-attur kien introdott minn habib tieghu lill-intimata ta' nazzjonalita' Statunitensi permezz tal-internet u ta' emails;

Illi l-partijiet baqghu jikkomunikaw flimkien ghal kwazi sena u fis-16 ta’ Mejju 2009, l-intimata giet Malta sabiex tizzewweg lir-rikorrent;

Illi fid-19 ta’ Mejju 2009, il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta , Malta (Dok. A);

Illi ftit jiem wara u cioe’ is-Sibt 23 ta’ Mejju 2009, l-intimata telqet minn Malta bl-intiza li kif ikunu lesti d-dokumenti mehtiega bhac-certifikat taz-zwieg u dokumenti ohra, ir-rikorrent jibghathom lill-intimata;

Illi meta r-rikorrent prova jikkomunika mal-intimata, din bdiet tirrabja u wara ftit zmien ma baqghetx tirrispondi t-telefon u ma kkomunikatx izjed mieghu;

Illi l-ahhar darba li l-partijiet ikkomunikaw flimkien, l-intimata nfurmat lir-rikorrent li kienet zbaljat u qatt ma messha zzewgitu;

Illi l-atteggjament tal-kovenuta wara z-zwieg jindika li dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b’anomalija serja li taghmilha impossibbli ghall-intimata li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ghaz-zwieg tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’qerq min-naha tal-intimata.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-19 ta’ Mejju 2009 kif indikat f’estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru hamsa tlieta tlieta zbarra elfejn u disgha

533/2009 u dan ai termini tal-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar biex jirraprezentaw lill-assenti E F Mc G.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi f'dan l-istadju, l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-risposta ulterjuri taghhom fi stadju ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza gew introdotti lil xulxin telefonikament minn habib. Ir-ragel, li huwa mis-Sierra Leone kien Malta bhala refugjat. Il-mara hija ta' nazzjonalita' Statunitense u kienet ga' mizzewga qabel u ghandha zewgt itfal minn zwieg precedenti. Wara konoxxenza ta' sena li matulha, il-komunikazzjoni kienet esklussivament elettronika, il-mara giet Malta. Il-partijiet izzewgu jumejn wara u hija telqet minn Malta wahedha erbat ijiem wara. Xi ftit zmien wara qatghet kull kuntatt minn ma' zewgha, li issa qed jitlob id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg.

Il-Qorti ser tezamina l-ewwel il-kawzali invokata tal-eskluzjoni taz-zwieg innifsu, dan a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255.

Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju illi sabiex wiehed jistabbilixxi l-validita' o meno taz-zwieg, l-ezami li jrid isir tal-kunsens ghall-istess jinvolvi essenzjalment l-ezistenza ta' vizzju fil-mument tal-ghoti tal-istess kunsens. Cirkostanzi li javveraw ruhhom fil-perjodu sussegwenti jistghu, madanakollu jitfghu dawl utli fuq dak li fil-fatt kien ezistenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens.

F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999), fejn il-Qorti irriteniet illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Dan huwa precizament dak li gara fil-kaz in ezami. L-agir tal-intimati immedjatament wara li tat il-kunsens taghha wera perfettament l-eskluzjoni pozittiva da parti taghha. Ma kellha qatt intenzjoni li tistabbilixxi komunjoni ta' hajja mar-ragel li zzewget.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Mejju 2009 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------